Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 119/2016

Il-Pulizja

Spettur Dennis Theuma

Vs

Eugenio Sultana

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Eugenio Sultana detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 495562 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Settembru 2009:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni medika u lProfessjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghalluzu esklussiv tieghu – u b'digriet ta' din il-Qorti tal-31 ta' Ottubru 2011, giet awtorizzata s-segwenti zieda – liema reat sehh jew gewwa distanza ta'

mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn jiltaqghu z-zghazagh.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Settembru, 2016, fejn il-Qorti sabet lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, liema imputazzjoni tinkludi l-aggravanti tad-distanza ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u illiberatu minnha.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument DT2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jidderigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Marzu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz issib lill-appellat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza liberatorja taghha hawn fuq riferita, *inter alia* ghamlet apprezzament zbaljat

tal-provi kif migjuba li filfatt wasslet ghall-helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontrih, u dan ghar-ragunijiet segwenti :

Illi fl-ewwel lok jinghad illi s-sentenza li saret referenza ghaliha senjatament dik ta' Mario Borg vs Malta hija applikabbli fir-rigward ta' dawk il-kazijiet li huma res judicata. Infatti fl-istess sentenza saret referenza bejn is-sentenza ta' Dimech vs Malta[1] moghtija wkoll mill-ECHR f'data precedenti ghal dik ta' Borg vs Malta[2], liema sentenza f'ebda mod ma giet skartata u fejn filfatt id-distinzjoni bejn l-applikazzjoni ta' wahda jew tal-ohra tidher li hija bbazata fuq il-fatt li l-kaz ta' Martin Dimech hija applikabbli ghal dawk il-kazijiet li ghadhom ma gewx konkluzi definittivament bhal f'dan il-kaz. Allura skond id-dettami tas-sentenza ta' Dimech filwaqt li jidher li skond kif ikkwotat l-ewwel Qorti mhux qed jigi eskluz li l-Qorti teskludi l-applikazzjoni tal-istqarrija qabel tmiem il-proceduri, essenzjalment ma rrizultax ksur minhabba l-fatt li r-rimedji pprospettati minn pajjizna fil-kaz ta' Dimech kienu ghadhom ma gewx ezawriti. Kwindi u dejjem fl-umli fehma tas-sottoskritta semmai kellhom jigu applikati d-dettami tal-kaz ta' Dimech vs Malta bhala linja gwida flokk dik ta' Mario Borg vs Malta fejn ghaldaqstant il-Qorti ma kinitx tenuta li sempliciment tiskarta l-istqarrija ghas-semplici fatt li l-appellat ma kienx assistit legalment fl-istadju qabel irrilaxxa l-interrogatorju izda fejn il-Qorti kellha taghmel ezercizzju kif kien qed isir f'kazijiet recenti f'pajjizna skond id-dettami tal-kaz ta' Charles Steven Muscat vs AG[3].

Illi in oltre u dejjem b'referenza ghal dak hawn fuq ipprospettat jinghad ukoll li dejjem skond l-umli fehma tas-sottoskritta u minghajr pregudizzju, l-ewwel Qorti kienet skoretta meta qieset bhala inamissibbli l-istqarrija fid-dawl tas-sentenza ta' Mario Borg li wara kollox kienet tittratta l-istqarrija f'dak il-kaz u mhux f'dawn il-proceduri. JInghad illi l-istqarrija fil-kaz ta' Eugenio Sultana ttiehdet skond il-ligi taz-zmien meta giet irrilaxxata u dan minghajr f'ebda mod ma nkiser dak dispost fl-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali li ghadu sa' llum il-gurnata disposizzjoni valida legali li f'ebda mod ma hija meqjusa bhala kontra l-kostituzzjoni ta' pajjizna. Infatti

[1] Deċiza fit-2 ta' April 2015 – kaz numru 34373/13.
[2] Deċiza fit-12 ta' Jannar 2016 – kaz numru 37537/13.
[3] Deċiza fit-8 ta' Ottubru 2012 – każ numru 75/2010/1.

u dejjem minghajr pregudizzju qed jinghad illi jekk il-Qrati taghna ser jerghu jibdew isegwu l-insenjament tal-kaz ta' Alvin Privitera, Esron Pullicino u Mark Lombardi huwa car daqs il-kristall illi l-istqarrija semmai ghandha tigi ritenuta fl-atti in vista tal-fatt li l-mod kif ittiehdet ma kinitx kontra l-ligi ta' pajjizna fiz-zmien meta giet redatta. Semmai l-Qorti ghandha tqis jekk ghandix tqis il-kontenut ta' din l-istqarrija biex tistabilixxi jekk essenzjalment mill-kontenut taghha l-akkuzat setax jinkrimina ruhu ghas-semplici fatt li ma kienx assistit minn avukat tal-ghazla tieghu jew avukat ipprovdut. Jidher madankollu li f'din il-kawza l-ewwel Qorti iddecidiet li kemm tiskarta kif ukoll li tqis inamissibbli l-istqarrija tal-akkuzat u dan fid-dawl tad-dettami tas-sentenza ta' Mario Borg vs Malta fejn allura ipprosegwiet billi taghti rimedju hi (flok il-Qorti Kostituzzjonali) allavolja dan ma kienx pretiz minnha fic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, l-argumentazzjoni tal-appellant qed jigi sostnut ukoll in linea tal-artikolu 349(2) tal-Kodici Kriminali li jaqa tahti it-titolu dwar is-setghat u d-dmirijiet tal-Pulizija Ezekuttiva fil-procedimenti Kriminali u li fosthom jinkludu t-tehid ta' kampjuni u anki d-dritt tal-assitenza legali. Dan l-artikolu jinqara kif gej:

**349**.*(1) Ufficjal tal-pulizija ghandu jkollu biss dawk is-setghat vestiti fih skont il-ligi u fil-limitu awtorizzat mil-ligi, u f'din id-disposizzjoni l-kelma ligi ghandha l-istess tifsira moghtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.*

*(2) L-ommissjoni ta' xi kawzjoni, formalità jew htiega preskritti taht dan it-Titolu m'ghandhom ikunu ta' ebda ostaklu biex tingieb prova, waqt il-kawza, b'mod permess bil-ligi, dwar il-fatti li ghalihom tkun tirrelata dik il-prekawzjoni, formalità jew htiega.*[4]

Kwindi jekk qedghin nikkoncedu li l-appellat ma nghatax l-opportunita li jikkonsulta ma avukat u minhabba f'hekk hu qieghed lilu nnifsu f'posizzjoni

[4] Emfażi tal-appellant.

pregudikanti li setghet tinkriminah u li kwindi wasslet ghall-lezjoni tad-drittijiet tieghu, tali ommissjoni ta' formalità jew htiega, mhuwiex ostakolu ghall-ammissibbilità tal-provi u kwindi l-Qorti ma setghetx ma tapprezzax din il-prova u sempliciment tiskartha' minhabba n-nuqqas tal-prezenza tal-Avukat fil-*pre-trial stage,* iktar u iktar meta lanqas biss kienet rikjesta mill-ligi ta' dak iz-zmien li din issir *ad obligatem*. Dan ma jfissirx li jekk il-pulizija tonqos milli thares xi wahda minn dawn il-formalitajiet hi ma tkunx responsabbli ghan-nuqqasijiet da parti taghha izda lanqas ma jfisser li fin-nuqqas taghhom il-prova li tkun ingabret fiha nnifisha tispicca fix-xejn.

Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, jekk din il-Qorti tkun tal-opinjoni li l-istqarrija li giet irilaxxata minn Eugenio Sultana ghandha tibqa skartata mill-proceduri jinghad illi kien hemm provi ohra li jindikaw il-htija tal-akkuzat tal-unika akkuza migjuba kontrih. Madankollu l-ewwel Qorti skarat dawn il-provi *in toto* meta tat l-interpretazzjoni taghha tal-istess u fejn ikkonkludiet li ma jistax jigi eskluz li l-appellat ma kellux ix-xjenza ta' dak li kellu fil-pussess tieghu u li seta' waqqa' l-pirmli minn idejh mhux b'intenzjoni li jarmihom izda ghax kien inhasad mill-pulizija li avvicinawh biex jarrestawh. Di piu l-ewwel Qorti stqarret li l-komportament tal-akkuzat ma kienx indikattiv lanqas tax-xjenza tal-pussess tas-sustanza in kwistjoni.

Illi b'kull dovut rispett is-sottoskritta ma tistax taqbel mal-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti tal-provi migjuba mill-prosekuzzjoni u dan apparti l-kontenut tal-istqarrija li ma gietx ikkunsidrata minnha. Skond ix-xhieda tal-pulizija li effetwaw l-arrest[5] fuq il-persuna tal-akkuzat, meta ntlemah minnhom hu kien qieghed wiccu mal-hajt specifikament mal-koxxa tad-divizorju bejn zewg tined fejn meta qorbu nnutaw li kien qed janalizza l-pillolli Ecstacy formanti l-mertu ta' dawn il-proceduri u liema droga per se ma gietx ikkontestata mill-appellat anki meta xehed viva voce quddiem l-ewwel Qorti debitament assistit mill-avukat tieghu u anki in vista ta' verbal maghmul mid-difiza tal-akkuzat f'dan ir-rigward u datata d-9 ta' Jannar

[5] PS430 Andrew St. John u PS826 Matthew Parnis a folio 7 et seq u 16 et seq tal-atti proċesswali. Dawn ix-xhieda ġew mitluba jerġgħu jixdu in kontro-eżami nhar l-10 ta' Diċembru 2013 a folio 37 u 40 rispettivament tal-istess atti proċesswali.

2012[6]. Illi skond l-istess xhieda tal-pulizija l-akkuzat ma nhasadx meta avvicinawh u tajjar il-pillolli minn idejh bil-hasda izda fi kliemhom l-akkuzat apparti li rrezista l-arrest, kien rema dawn il-pillolli kif introducew ruhhom bhala pulizija. Tajjeb niftakru wkoll li l-ambjent li fih kien jinstab l-appellat kien f'post pubbliku fejn kien hemm hafna nies u fejn difficli tinhasab bl-istorbju li jkun hemm madwarek jekk javicinak xi hadd waqt li tkun qieghed kwiet go rokna kif donnu kien l-appellat meta avvicinawh il-membri tal-Korp tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri. Skond l-appellat hu xehed li ma remiex il-pillolli izda dawn taru minn idejh fil-mument meta l-pulizija qabzu fuqu li huwa fatt li gie nnegat mill-pulizija in kwistjoni meta xehdu f'dawn il-proceduri[7].

Illi fid-dawl ta' dan l-esponent umilment temmen li dan il-komportament kien prova tax-xjenza tal-akkuzat tal-pussess illecitu li kellu u mhux bil-kontra. A differenza ta' dak li stqarret l-ewwel Qorti ma taghmel assolutament l-ebda sens li bniedem li sempliciment jew kazwalment sab oggett malart li ma kienx jaf fiex jikkonsisti jitwarrab gewwa rokna b'dahru lejn in-nies biex janalizza dak li jkun sab u wisq iktar ma jaghmel assolutament l-ebda sens li fil-mument li l-pulizija avvicinawh u introducew lilhom nfushom bhala pulizija hu rema dawn il-pillolli. Jekk verament ma kellux idea tal-kontenut ta' dawn il-pillolli ghalfejn m'gharafhomx bis-sejba li kien ghamel koincidentalment flokk remihom minn idejh kif gie nfurmat bil-prezenza tal-pulizija? Di piu ghalfejn irrezista l-arrest u ghalfejn ma lissen l-ebda kelma fil-mument tal-arrest tieghu dwar dak li kien gara dak il-lejl sabiex jiggustifika kif gie fil-pussess tal-istess pillolli? Il-Qorti accennat ukoll ghall-fatt li kienet tkun differenti s-sitwazzjoni jekk l-appellat gie nnutat jerga jdahhal id-droga fil-butt tieghu ghax din kienet tkun indikattiva ta' xjenza. Madankollu kif kien possibbli li jsir hekk in konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellat gie intercettat bid-droga f'idu u ergo qabel ma seta' ghamel tali manuvra u wara kollox kif tista l-Qorti teskludi x-xjenza minhabba dan is-semplici fatt meta mhuwiex ikkontestat lanqas li kien fil-pussess tad-droga misjuba fuqu? Bir-rispett kollu dan il-komportament m'ghandux mis-sewwa u f'ebda mod ma jindika l-veracita tal-verzjoni tal-akkuzat li wara kollox

[6] Folio 6 tal-atti proċesswali.
[7] Ara ix-xhieda in kontro-ezami ta PS430 Andrew St. John a folio 43 tal-atti proċesswali.

ipprova anki jitfa dell iktar fuq ix-xoghol tal-ufficjal prosekutur f'dan il-kaz meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu bhallikieku hassu obbligat jew gie mgieghel jghid certu diskors li ma kienx minnu[8]. Din il-Qorti tigi mfakkra wkoll dwar il-fatt li l-appellat cahad kategorikament li hu utent tad-droga u kwindi lanqas ma nistghu nipprospettaw l-uzu esklussiv ta' din is-sustanza.

Illi kwindi u dejjem minghajr pregudizzju jinghad illi indipendentement ta' jekk din L-Onorabbli Qorti tikkunsidrax il-kontenut tal-istqarrija rrilaxxata mill-appellat o meno, xorta wahda kien hemm provi a sufficjenza li jikkonfermaw ir-responsabbilta' tieghu tal-akkuza migjuba kontrih.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali fl-appell minnu interpost iressaq essenzjalment zewg lanjanzi, l-ewwel wahda marbuta mad-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti li tiskarta l-istqarrija rilaxxjata mill-appellat meta kien gie arrestat u interrogat mill-pulizija lura fit-21 ta' Settembru 2009, bhala prova inammissibbli u t-tieni wahda imsejsa fuq l-apprezzament tal-provi li sar fid-decizjoni impunjata.

Illi l-Avukat Generali jargumenta illi s-sentenzi kostituzzjonali dwar l-inammissibilita' ta'l-istqarrija rilaxxjata mill-persuna akkuzata taw rimedju biss f'dawk il-kazijiet fejn il-proceduri penali ikunu saru res gudikata. In sostenn ta' dan, l-Avukat Generali jaghmel referenza ghas-sentenza Dimech vs Malta deciza mill-ECHR fejn ma kienx inghata rimedju lill-applikant billi l-kaz kien ghadu *sub iudice*. Ukoll l-Avukat Generali jistrieh fuq dak dispost fl-artikolu 349(1) u (2) tal-Kodici Kriminali liema disposizzjoni tal-ligi tissanzjona l-ommissjoni ta' kawzjoni, formalita jew htiega ohra preskritta mill-ligi kommessa mill-pulizija ezekuttiva sabiex prova ma tigiex reza inammissibbli. Jishaq allura illi gjaldarba l-akkuzat kien inghata it-twissija vigenti skont il-ligi f'dak iz-zmien allura bis-sahha ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, il-fatt illi l-persuna suspettata ma gietx moghtija l-assistenza ta' avukat ma tistax ixxejjen il-prova li ghandha issir permezz ta'dik l-istqarrija rilaxxjata minnu. Illi din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-argument ivventilat mill-Avukat Generali.

[8] Ara x-xhieda tal-appellat a folio 49 et seq tal-atti proċesswali.

Ibda biex il-jedd tal-persuna arrestata li tigi moghtija parir legali qabel ma tirrilaxxja xi dikjarazzjoni inkriminanti ma tista' qatt titqabbel ma' xi formalita jew htiega li trid il-ligi, kif imfissra fl-artikolu iccitat mill-avukat Generali. Id-dritt tal-persuna akkuzata li ma tinkriminax ruhha u allura id-dritt taghha ghas-silenzju huwa fil-qofol tal-jedd fondamentali ghal smiegh xieraq imhares mill-Kostituzzjoni taghna u mill-Konvenzjoni Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem, impoggija ukoll fuq quddiem fil-ligi komunitarja li issa taghmel parti mid-dritt ta' pajjizna bhala Stat Membru. Huwa fil-qafas ta' dan il-jedd allura li d-dritt ghall-assistenza ta' avukat qabel ma persuna tkun ser tirrilaxxja xi dikjarazzjoni bhal din jew tkun ser tirrunzja ghal dan il-jedd ghas-silenzju jassumi importanza fondamentali f'kull process penali. Dak li qed jitlob l-Avukat Generali huwa li din il-Qorti taghlaq ghajnejha ghal vjolazzjoni lampanti tal-ghola ligi tal-pajjiz issa imsahha bil-ligijiet internazzjonali u komunitarji li kollha kemm huma jinsistu dwar il-jedd tal-persuna arrestata li tinghata l-assistenza legali qabel ma taghmel dikjarazzjonijiet li ghandhom valur probatorju qawwi f'process gudizzjarju li jista' jittiehed kontra taghhom. Issa fil-kaz ta' Dimech vs Malta, l-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem ma setax tasal ghal konkluzjoni jekk kienx hemm lezjoni taht l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni billi l-proceduri kienu ghadhom pendenti ghar-raguni illi:

**"it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."**

Dan ifisser allura illi l-Qorti ghadha fis-setgha diment li l-proceduri ghadhom ma intemmux li tiskarta prova li hija issa meqjusa bhala anti-kostituzzjonali. Kif tista' din il-Qorti tqies fil-konsiderazzjonijiet taghha prova li skont il-linji gwida mill-Qorti

Ewropeja ghandha titqies li hija in vjolazzjoni tal-jedd tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq? Ghamlet sewwa allura l-Ewwel Qorti meta fil-konsiderazzjonijiet taghha skartat il-prova ta'l-istqarrija iktar u iktar meta f'dan il-kaz l-appellanti kien qed jikkontesta l-validita taghha ghaliex jallega illi huwa kien persuna vulnerabbli ghall-*investigative techniques* tal-ufficjal investigattiv (li kienu perfettament legittimi) u allegatament ivvinta storja biex jehles mill-arrest.

Issa l-appellanti fil-kors tal-proceduri penali istitwiti kontra tieghu jaghzel li jirrinunzja ghal jedd tieghu ghas-silenzju u jiehu l-pedana tax-xhieda. Fil-kors tax-xhieda tieghu huwa jaghmel referenza ghall-istqarrija minnu rialxxjata lill-pulizija u ghal mod kif wiegeb ghal mistoqsijiet meta jishaq illi dak hemmhekk dikjarat minnu mhuwiex il-verita'. Imbaghad ighaddi biex jaghti verzjoni ohra ta' dak li ghadda minnu dak in-nhar meta gie arrestat u isostni illi il-pilloli li kienu f'idejh ma kenux tieghu izda kien gabarhom minn *wallet* li kien sab fl-art ftit minuti qabel u dak il-hin meta gie intercettat mill-pulizija kien qed izommhom f'idejh biex jara x'inhuma. Mill-atti ma jirrizultax jekk fil-pussess tal-appellanti instabx dan il-*wallet* jew inkella jekk kienx hemm xi *wallet* mormi mal-art hdejh u allura din il-Qorti, kif ukoll l-Ewwel Qorti qabilha ma ghandhiex mezz sabiex tivverifika l-verosimiljanza ta' dak dikjarat mill-appellanti. Il-provi l-ohra cirkostanzjali indikati mill-Avukat Generali li fil-fehma tieghu setghu wasslu ghal kundanna, huma ghal kollox fjakki u ma joffrux il-garanziji li trid il-ligi sabiex jaghmlu prova valida fihom infushom. Il-fatt illi l-appellanti kien wiccu qed ihares lejn il-hajt jara dak li ghandu f'idejh tista' tkun spjegazzjoni plawsibbli kemm ghat-tezi prospettata mid-difiza u cioe' illi huwa kien qed jinvestiga dak li kien ghadu kemm sab, kif ukoll tista' tfisser illi huwa kien qed jipprova jahbi dawn il-pilloli minn ghajn in-nies kif jallega l-Avukat Generali. Ukoll jekk fil-fatt il-pilloli intremewx mill-appellanti hekk kif wasslu fuqu il-pulizija jew inkella jekk dawn setghux waqghlu accidentalment f'dawk is-sekondi meta wasslu fuqu kemm il-pulizija kif ukoll il-bouncers, huma zewg tejoriji ukoll li jaghmlu sens fl-istampa pprezentata fl-atti probatorji dwar il-fatti ta' dan il-kaz. Thares minn fejn thares lejn il-provi, huwa difficli illi dawn jippuntaw f'direzzjoni wahda u cioe' lejn ir-reita' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni ghaliex il-provi huma fjakki,

abbinat mal-fatt illi lanqas l-istqarrija ma tista' titqies li hija ammissibbli bhala prova inkriminatorja fic-cirkostanzi, kif inghad.

Ghal dawn il-motivi l-appell tal-Avukat Generali qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur